TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 583/10

**Josianne Farrugia**

**vs**

**NG Racing**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' *speed boat* bir-*remote control* illi ma ħadmitx.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *speed boat* bir-*remote control* għal prezz ta' ħamsin ewro (€50) mingħand id-ditta intimata u wara li ppruvatha, din ma bdietx taħdem u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta li din l-i*speed boat* kienet intużat u kawża talli xxarbet din ma setgħetx taħdem.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, m'attendiex għat-tieni seduta, meta l-prodott in kwistjoni ġie eżebit quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), b'dan illi l-i*speed boat* tiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**